MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 893/2009

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**vs**

**Simon Debono (ID 32165M)**
**u martu Angele Debono (ID 377167M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-28 ta' Ottubru 2009, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u sitta u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€2,886.17) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta` attrici pprezentata fit-18 ta' Mejju 2010 li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghal elf tliet mija u sitta u tmenin Euro u sbatax-il

centezmu (€1,386.17) stante pagament akkont fil-mori. It-talba ghall-imghax u l-kap tal-ispejjez jinzammu fermi.

It-Tribunal innota izda illi ma hemm ebda talba ghall-imghax.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma deherux la fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2010, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ghaldaqstant** peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf tliet mija u sitta u tmenin Euro u sbatax-il centezmu (€1,386.17) bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------